Nru. 18,010
Prezz Lm1.28c
Price Lm1.28c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 19 ta' Diċembru, 2006
Tuesday, 19th December, 2006

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1064

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,007 u 18,009 tat-12 u l-15 ta' Diċembru, 2006 rispettivament.

A.L. Nru. 314 ta' l-2006: Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Kap. 464); Regolamenti ta' l-2006 li jagħmlu Ordnijiet Permanenti għall-Kunsill tal-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina.

A.L. Nru. 315 ta' l-2006: Att dwar il-Mediċini (Kap. 458); Regolamenti ta' l-2006 dwar Drittijiet li tiġbor l-Awtorità dwar il-Mediċini.

A.L. Nru. 316 ta' l-2006: Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel (Kap. 449); Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Materjali li jiġu f'Kuntatt ma' Oġġetti ta' l-Ikel.

A.L. Nru. 317 ta' l-2006: Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi (Kap. 423), Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Ħarsien tas-Sigurtà tal-Provvista tal-Gass Naturali.

A.L. Nru. 318 ta' l-2006: Att dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370), Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw it-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Servizzi ta' Investiment.

A.L. Nru. 319 ta' l-2006: *Insurance Intermediaries Act (Cap. 487), Insurance Intermediaries (Transitional Provisions) Regulations, 2006.*

A.L. Nru. 320 ta' l-2006: Att dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370), Regolamenti ta' l-2006 li jħassru r-regolamenti dwar Servizzi ta' Investiment (Avviż Statutorju dwar Kuntratti ta' Assigurazzjoni marbutin fit-Tul).

GOVERNMENT NOTICES

No. 1064

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,007 and 18,009 of the 12th and the 15th December, 2006 respectively.

L.N. No. 314 of 2006: Health Care Professions Act (Cap. 464); Council for the Professions Complementary to Medicine (Standing Order) Regulations, 2006.

L.N. No. 315 of 2006: Medicines Act (Cap. 458); Medicines Authority (Fees) Regulations, 2006.

L.N. No. 316 of 2006: Food Safety Act (Cap. 449); Materials in Contact with Foodstuffs (Amendment) Regulations, 2006.

L.N. No. 317 of 2006: Malta Resources Authority Act (Cap. 423), Natural Gas Supply (Safequard of Security) Regulations, 2006.

L.N. No. 318 of 2006: Investment Services Act (Cap. 370), Investment Services Act (Amendment of the Second Schedule) Regulations, 2006.

L.N. No. 319 of 2006: Insurance Intermediaries Act (Cap. 487), Insurance Intermediaries (Transitional Provisions) Regulations, 2006.

L.N. No. 320 of 2006: Investment Services Act (Cap. 370), Repeal of Investment Services Act (Linked Long Term Contracts of Insurance Statutory Notice) Regulations, 2006.

A.L. Nru. 321 ta' l-2006: Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni (Kap. 403) Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni (Avviż Statutorju dwar il-Kuntratt ta' Kummerċ fit-Tul).

L.N. No. 321 of 2006: Insurance Business Act (Cap. 403) Insurance Business (Long Term Business Contract Statutory Notice) (Amendment) Regulations, 2006.

A.L. Nru. 322 ta' l-2006: *Investment Services Act (Cap. 370) Investment Services Act (Licence and Other Fees) Regulations, 2006.*

L.N. No. 322 of 2006: Investment Services Act (Cap. 370) Investment Services Act (Licence and Other Fees) Regulations, 2006.

A.L. Nru. 323 ta' l-2006: Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Kap. 424) Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Protezzjoni tal-Ħaddiema mir-Riskji li jinħolqu meta persuna tkun esposta għall-Asbestos fuq il-Post tax-Xogħol.

L.N. No. 323 of 2006: Occupational Health and Safety Authority Act (Cap. 424) Protection of Workers from the Risks related to Exposure to Asbestos at Work Regulations, 2006.

Id-19 ta' Diċembru, 2006

19th December, 2006

Nru. 1065

IL-PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi nhar il-Ġimgħa, il-15 ta' Diċembru, 2006 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1056 ta' l-14 ta' Diċembru, 2006, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

Il-15 ta' Diċembru, 2006
(OPM 3/2006/II)

No. 1065

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., resumed the duties as Prime Minister and Minister of Finance on Friday, 15th December, 2006 and that the arrangements made by Government Notice No. 1056 of the 14th December, 2006, ceased to have effect accordingly.

15th December, 2006

Nru. 1066

ATT DWAR POTERI LI JSIRU REGOLAMENTI FL-INTERESS NAZZJONALI (KAP. 365)

REGOLAMENTI TA' l-2006 DWAR BORD TA' SORVELJANZA DWAR IS-SANZJONIJIET

(A.L. 327 ta' l-2006)

Bord ta' Sorveljanza dwar is-Sanzjonijiet

NGĦARRFU b'din illi, skond l-artikolu 3 ta' l-Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali, u regolament 2 tar-Regolament ta' l-2006 dwar Bord ta' Sorveljanza dwar is-Sanzjonijiet (A.L. 327 ta' l-2006), il-Prim Ministru stabbilixxa l-Bord ta' Sorveljanza dwar is-Sanzjonijiet kif muri hawn taħt:-

Chairman
Is-Sur Charles Inguanez, Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin

No. 1066

NATIONAL INTEREST (ENABLING POWERS) ACT (CAP. 365)

SANCTIONS (MONITORING BOARD) REGULATIONS, 2006

(L.N. 327 of 2006)

Sanctions Monitoring Board

IT is hereby notified that, in terms of article 3 of the National Interest (Enabling Powers) Act, and regulation 2 of the Sanctions (Monitoring Board) Regulations, 2006, (L.N. 327 of 2006), the Prime Minister has established the Sanctions Monitoring Board as indicated hereunder:-

Chairman
Mr. Charles Inguanez, Ministry of Foreign Affairs

Membri
L-Avukat Ġenerali jew Dr Donatella Frendo Dimech

Is-Sinjura Vanessa Frazier, Direttorat għall-Affarijiet tad-Difiża, Uffiċċju tal-Prim Ministru

Is-Sur Mario Caruana, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern

Is-Sur Mario Debattista, Ministeru tal-Finanzi

Is-Sur Saviour Farrugia, Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni

Is-Sur Jesmond Cutajar, Bank Ċentrali ta' Malta

Is-Sur Mario Brincat, Dipartiment tad-Dwana

Is-Sur Raymond Cremona, *Malta Financial Services Authority*

Id-19 ta' Diċembru, 2006

Members
The Attorney General or Dr Donatella Frendo Dimech

Ms Vanessa Frazier, Defence Matters Directorate, Office of the Prime Minister

Mr Mario Caruana, Ministry for Justice and Home Affairs

Mr Mario Debattista, Ministry of Finance

Mr Saviour Farrugia, Trade Services Directorate, Ministry for Competitiveness and Communications

Mr Jesmond Cutajar, Central Bank of Malta

Mr Mario Brincat, Customs Department

Mr Raymond Cremona, Malta Financial Services Authority

19th December, 2006

Nru. 1067

ATT DWAR L-AWTORITÀ MALTIJA DWAR L-ISTANDARDS (KAP. 419)

Kumitat dwar l-Akkreditament (Malta)

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skond l-Artikolu 6 tar-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Bord Nazzjonali ta' l-Akkreditament (Malta) (Twaqqif) (Avviż Legali Nru. 252 ta' l-2006), il-persuni li ġejjin inħatru għal perijodu ta' tliet snin fuq il-Kumitat dwar l-Akkreditament b'seħħ mill-1 ta' Diċembru 2006

Membri
Is-Sur Noel Toledo – Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni
Inġ. Joseph Bartolo – Direttorat tal-Metroloġija – Awtorità Maltija dwar l-i*Standards*
Inġ. Anthony Camilleri – Awtorità Responsabbli mill-Korpi Notifikati
Inġ. Claudio Boffa – Bord Nazzjonali ta' l-Akkreditament
Ms Moira Pace – Ministeru għall-Affarjiet Rurali u l-Ambjent
Ms Rose Schembri – Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità
Inġ. Stephen Rizzo – Federazzjoni Maltija ta' l-Industrija
Inġ. Stefan Xuereb – Assoċjazzjoni tal-Konsumaturi
Is-Sur Martin Seychell – Awtorità dwar l-Ippjanar u l-Ambjent
Is-Sur Charles Mercieca – Kamra Maltija għall-Kummerċ u l-Intrapriża

Id-19 ta' Diċembru, 2006

No. 1067

MALTA STANDARDS AUTHORITY ACT (CAP. 419)

Accreditation Committee (Malta)

IT is notified for general information that in exercise of Section 6 of National Accreditation Board (Malta) (Establishment) Regulations, 2006 (Legal Notice 252 of 2006), the following persons have been appointed for a period of three years on the Accreditation Committee with effect from 1st December 2006.

Members
Mr Noel Toledo – Ministry for Competitiveness and Communications
Ing. Joseph Bartolo – National Metrology Services (Malta Standards Authority)
Ing. Anthony Camilleri – Designating Authority for Notified Bodies
Ing. Claudio Boffa – National Accreditation Board
Ms Moira Pace – Ministry for Rural Affairs and the Environment
Ms Rose Schembri – Ministry of Health, Elderly and Community Care
Ing. Stephen Rizzo – Federation of Industry
Ing. Stefan Xuereb – Consumers Association
Mr Martin Seychell – Malta Environment and Planning Authority
Mr Charles Mercieca – Malta Chamber of Commerce and Enterprise

19th December, 2006

Nru. 1068

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Approvazzjoni ta' Programmi Operattivi ta' l-Għaqdiet tal-Produtturi

NGĦARRFU b'dan għall-informazzjoni ta' kulħadd illi fl-14 ta' Diċembru 2006, id-Direttur ta' l-Agrikoltura, skond id-dispożizzjoni tal-Kap. 447 u tar-Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi fl-Oqsma tal-Ħaxix u l-Frott, approva l-programm operattiv ippreżentat mill-Għaqda tal-Produtturi GOMRIZA bl-indirizz uffiċjali Shed 3, Pitkalija, Ta' Qali, Ħal Balzan.

Il-programm operattiv jirreferi għas-snin 2006-2008 u jinkludi programm dettaljat għas-sena 2007.

Id-19 ta' Diċembru, 2006

No. 1068

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Approval of Operational Programmes of Producer Organisations

IT is hereby notified for general information that in accordance with Cap. 447, and the Fruit and Vegetable Producer Organisations Regulations, 2004 the Director of Agriculture has on the 14th December 2006 approved the operational programme for the year 2006 submitted by the Producer Organisation Għaqda tal-Produtturi GOMRIZA of Fruit and Vegetable Market, Shed 3, Ta' Qali Balzan.

The operational programme relates to the years 2006-2008 and includes a detailed programme for the year 2007.

19th December, 2006

Nru. 1069

ATT DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP (KAP. 356)

Skedar ta' Proprjetà

L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar b'din tiddikjara l-proprjetajiet li ġejjin, jiġifieri:-

Il-Magħluq, limiti ta' Marsaxlokk

(ara Mappa 1 f'paġna 11,027) bżala inklużi fil-Lista ta' Proprjetà Skedata, skond l-Artikolu 46 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità tiddikjara l-proprjetajiet imsemmija kif ġej:

is-sistema ta' għadajjar salmastri bħala żona ta' Importanza Ekoloġika u Sit ta' Importanza Xjentifika ta' Livell Wieħed (1) kif muri fil-mappa mehmuża; u

l-bqija ta' l-proprjetà bħala *buffer zone* ta' Livell Tlieta (3) kif muri fil-mappa mehmuża

skond it-termini tal-*Policies* RCO 1, RCO 10, RCO 11 u RCO 12 tal-Pjan ta' Struttura u tikkwalifika għall-protezzjoni skond klawsoli 15.34 sa 15.40 ta' l-*Explanatory Memorandum* ta' l-istess Pjan ta' Struttura.

L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra fl-artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att, fil-każ ta' xi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp f'dak li jirrigwarda proprjetà skedata.

Id-19 ta' Diċembru, 2006

No. 1069

DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 356)

Scheduling of Property

The Malta Environment and Planning Authority is hereby declaring the following properties, namely: -

Il-Magħluq, limits of Marsaxlokk

(see Map 1 on page 11,027) as included in the list of Scheduled Property in terms of section 46 of the Development Planning Act.

The Authority designates the above property as follows:


the saline coastal wetland as a Level One (1) Area of Ecological Importance and Site of Scientific Importance as indicated on the attached map; and

the remainder of the property as a Level Three (3) Buffer Zone as indicated on the attached map

in terms of Structure Plan Policies RCO 1, RCO 10, RCO 11 and RCO 12 and qualify for protection under clauses 15.34 to 15.40 of the Structure Plan's Explanatory Memorandum.

The Malta Environment and Planning Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act, in the case of any contravention to the provisions of the Development Planning Act as regards to Scheduled Property.

19th December, 2006


St. Francis Ravelin
Floriana
www.mepa.org.mt
Tel:(+356)2290 0000
Fax:(+356)2290 2295
MEPA
Malta Environment
& Planning Authority
(c) Copyright Planning Authority
Bounding Co-Ords of Map :-
Min E59055, N66016
Max E59981, N66849
Title :-
Scheduling Map
Il-Maghluq, Marsaxlokk
Ref No. :- GF 0071/06
Legend :-
Level 1 AEI, SSI
Level 3 Buffer Zone
Form No. :- MU004
Tas-Silg
Il-Ballut
Ras it-Trig
Il-Wilga
0
0.2
0.4
km

Nru. 1070

ATT DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP (KAP. 356)

Skedar ta' Proprjetà

L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar b'din tiddikjara l-proprjetajiet li ġejjin, jiġifieri:-

L-Inħawi tas-Simar mit-triq tal-Miżieb sa Xatt il-Pwales

(ara Mappa 1 f'paġna 11,029) bħala inklużi fil-Lista ta' Proprjetà Skedata, skond l-artikolu 46 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità tiddikjara l-proprjetajiet imsemmija kif ġej:

is-sistema ta' għadajjar salmastri ġewwa r-Riserva tas-Simar bħala Sit ta' Importanza Xjentifika u żona ta' Importanza Ekoloġika ta' Livell wieħed (1) kif indikat fuq il-pjanta annessa;

ix-xagħri tax-Xagħra tal-Għansar u x-Xemxija bħala żona ta' Importanza Ekoloġika ta' Livell tnejn (2) kif indikat fuq il-pjanta annessa;

l-art agrikola fl-arja ta' l-Imbordin, ta' Ġannaru, is-Simar, il-Pwales u ta' Rkuplu bħala żona ta' Importanza Ekoloġika (*buffer zone*) ta' Livell tlieta (3) kif indikat fuq il-pjanta annessa;

il-masġar fuq ix-Xagħra tal-Għansar u x-Xemxija bħala żona ta' Importanza Ekoloġika (*buffer zone*) ta' Livell tlieta (3) kif indikat fuq il-pjanta annessa;

il-masġar madwar ir-riserva tas-Simar bħala żona ta' Importanza Ekoloġika (*buffer zone*) ta' Livell tlieta (3) kif indikat fuq il-pjanta annessa.

skond it-termini tal-*Policies* RCO 10, RCO 11 u RCO 12 tal-Pjan ta' Struttura u tikkwalifika għall-protezzjoni skond klawsoli 15.34 sa 15.40 ta' l-*Explanatory Memorandum* ta' l-istess Pjan ta' Struttura.

L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att, fil-każ ta' xi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp f'dak li jirrigwarda proprjetà skedata.

No. 1070

DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP: 356)

Scheduling of Property

The Malta Environment and Planning Authority is hereby declaring the following properties, namely: -

Is-Simar area from Miżieb road to the Coast of Pwales

(see Map 1 on page 11,029) as included in the list of Scheduled Property in terms of section 46 of the Development Planning Act, 1992

The Authority designates the above property as follows:

the saline coastal wetland at is-Simar as a Level one (1) Site of Scientific Importance and Level one (1) Area of Ecological Importance as indicated on the map attached;

the garigue at ix-Xagħra tal-Għansar and Xemxija as a Level two (2) Area of Ecological Importance as indicated on the map attached;


the agricultural land in the areas of ta' l-Imbordin, ta' Ġannaru, is-Simar, il-Pwales and ta' Rkuplu as a Level three (3) Area of Ecological Importance (buffer zone) as indicated on the map attached;

the wooded area found at ix-Xagħra tal-Għansar and ix-Xemxija as a Level three (3) Area of Ecological Importance (buffer zone) as indicated on the map attached;

the wooded area flanking is-Simar bird sanctuary as a Level three (3) Area of Ecological Importance (buffer zone) as indicated on the map attached.

in terms of Structure Plan Policies RCO 10, RCO 11 and RCO 12 and qualify for protection under clauses 15.34 to 15.40 of the Structure Plan's Explanatory Memorandum.

The Malta Environment and Planning Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act, in the case of any contravention to the provisions of the Development Planning Act as regards to Scheduled Property.


St. Francis Ravelin
Floriana
www.mepa.org.mt
Tel:(+356)2290 0000
Fax:(+356)2290 2295
MEPA
Malta Environment
& Planning Authority
(c) Copyright Planning Authority
Bounding Co-Ords of Map :-
Min E42964, N77435
Max E44815, N79100
Title :-
Is-Simar Scheduling
San Pawl il-Bahar
Ref No. :- GF 012/06
Legend :-
Level 1 AEI, SSI
Level 2 AEI Garigue
Level 3 AEI Woodland
Level 3 AEI Buffer Zone
Form No. :- MU004
N
0
100
200
300
400m

Nru. 1071

ELEZZJONI KAŻWALI 2006 – MDINA

Dikjarazzjoni tar-Riżultat ta' Elezzjoni Każwali

AĦNA, li ffirmajna isimna hawn taħt, Kummissjonarji Elettorali fl-Elezzjoni Każwali ta' Kunsillier, li saret fil-11-il jum ta' Diċembru, 2006, biex jimtela l-post li tbattal minn Tabone Francis, Kunsillier għal-lokalità hawn fuq imsemmija, hawnhekk ngħarrfu illi l-poloz tal-votazzjoni fil-pakkett issiġillat tal-Kunsillier li l-post tiegħu tbattal, ġew eżaminati u trasferiti skond il-liġi lill-kandidat nominat validament u li r-riżultat huwa kif jidher hawn taħt:–

No. 1071

CASUAL ELECTION 2006 – MDINA

Declaration of Result of a Casual Election

WE, the undersigned, Electoral Commissioners at the Casual Election of a Councillor, held on the 11th day of December, 2006, to fill the seat vacated by Tabone Francis, an elected Councillor for the said locality, do hereby give notice that the ballot papers in the sealed parcel of the vacating Councillor were duly examined and transferred according to the validly nominated candidate and that the result is as shown hereunder:–

Numru ta' voti fil-Pakkett *Number of votes in Parcel* } **35**

Numru ta' Kunsilliera li għandhom jiġu eletti *Number of Councillors to be elected* } **1**

Kwota *Quota* } **18**

Isem tal-Kandidat *Name of Candidate*	Ghadd 1 *1st Count* Voti *Votes*
PARTIT NAZZJONALISTA FARRUGIA MARIA STELLA k/a ETOILÉ	22
Voti Mhux Trasferibbli *Non-Transferable Papers*	13
Total *Total*	35

AĦNA hawnhekk ngħarrfu illi FARRUGIA MARIA STELLA k/a ETOILÉ ġiet kif mistħoqq eletta Kunsillier għal-lokalità msemmija hawn fuq.
WE do hereby declare that is duly elected Councillor for the above-mentioned locality.

Id-data tal-lum il-11 ta' Diċembru, 2006
Dated today 11th December, 2006

EDWARD R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali
Chief Electoral Commissioner

J.M. BUTTIGIEG M. CALLUS H. DISTEFANO
S. FENECH V. GANADO S. SANT T. SULTANA

Kummissjonarji Elettorali
Electoral Commissioners

Id-19 ta' Diċembru, 2006 19th December, 2006

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 63 ta' l-2006

Tħaffir ta' boreholes 'l hinn minn Xatt il-Barriera

L-Awtorità Marittima ta' Malta tgħarraf lill-baħħara kollha li Terracore Geoservices Ltd se jħaffru boreholes 'l hinn minn Xatt il-Barriera.

Ix-xogħol huwa maħsub li jibda l-Erbgħa, l-20 ta' Diċembru 2006 u għandu jitlesta sas-Sibt, it-23 ta' Diċembru, 2006. Se jużaw il-barkun "Hull 150", li se jkollu fuq t-tagħmir ta' tħaffir.

Ix-xogħol se jsir fil-pożizzjonijiet A, B u C kif jidher fiċ-*chart* .

Pożizzjoni	Latitude (T)	Longitude (L)
Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35°53'.611	14°30'.758
B	35°53'.627	14°30'.793
C	35°53'.651	14°30'.832

Il-baħħara huma mwissija biex ibaħħru b'kawtela u bil-mod meta jkunu qrib l-inħawi msemmija hawn fuq.

Ilk-pożizzjonijiet jirreferu għal WGS 84 DATUM.

Charts affettwati: *BA Chart 177.*

Wieħed jista' jara parti miċ-*charts* fuq il-*website* ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta fuq:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

Id-19 ta' Diċembru, 2006

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 63 of 2006

Drilling of boreholes off Barriera Wharf

The Malta Maritime Authority notifies all mariners that Terracore Geoservices Ltd will be carrying out a boreholes drilling off Barriera Wharf.

The work is scheduled to start on Wednesday, 20 December 2006 and should be completed by Saturday, 23rd December 2006. They shall be using the barge "Hull 150", which will have the drilling equipment mounted on it.

The work will be carried out at the following positions A, B and C as shown on attached chart.

Positions referred to WGS 84 DATUM.

Charts affected: BA Chart 177

Part of chart can be seen on the website of the Malta Maritime Authority at:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

19th December, 2006

DIPARTIMENT
TAR-REĠISTRAZZJONI ĊIVILI

Id-Direttur tal-Passaporti u tad-Dipartiment tar-Reġistrazzjoni Ċivili jgħarraf li nhar il-Ġimgħa, id-29 ta' Diċembru 2006, l-Uffiċċju tal-Passaporti f'Malta se jkun magħluq għall-pubbliku biex isir l-*auditing* ta' l-aħħar tas-sena.

Applikazzjonijiet għal jew talbiet biex jiġu rtirati passaporti jintlaqgħu f'każijiet ta' emerġenza biss. F'dan il-każ wieħed għandu jċempel fuq in-numri 21227809 jew 21227813.

L-Uffiċċju jerġa' jiftaħ bħas-soltu l-għada s-Sibt, it-30 ta' Diċembru, 2006 bejn is-7.30 a.m. u l-11.00 a.m.

Id-19 ta' Diċembru, 2006

DEPARTMENT
OF CIVIL REGISTRATION

The Director, Passport and Civil Registration Department notifies that on Friday, 29th December, 2006 the Passport Office in Malta will be closed to the general public owing to the end of year auditing.

Applications and requests for withdrawal of passports will be accepted only in cases of emergency. In the circumstances one should call on 21227809 or 21227813.

The Passport Office re-opens for usual services, on Saturday, 30th December, 2006 between 7.30 a.m. and 11.00 a.m.

19th December, 2006

FONDAZZJONI GĦALL-ISKEJJEL TA' GĦADA

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi l-Uffiċċji tal-Fondazzjoni se jkunu magħluqa matul il-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena bejn is-26 u d-29 ta' Diċembru, 2006.

Dokumenti ta' l-offerta jistgħu jerġgħu jinġabru mit-2 ta' Jannar, 2007. Aktar tagħrif dwar offerti jista' jinkiseb minn fuqil-*website* tal-Fondazzjoni: www.fts.com.mt

Id-19 ta' Diċembru, 2006

FOUNDATION FOR TOMORROW'S SCHOOLS

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that the Foundation's Offices will be closed during the festive season between the 26th December and 29th December, 2006.

Tender documents can be collected again from 2nd January, 2007. Further information about tenders is obtainable from the Foundation's website: www.fts.com.mt

19th December, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Project Leader (National Identity Management Systems)* fid-Direttorat ta' l-Implimentazzjoni ta' Programmi fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Project Leader (National Identity Management Systems)* fid-Direttorat ta' l- Implimentazzjoni ta' Programmi fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

2.1 Il-persuna magħżula tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Project Leader (National Identity Management Systems)* fid-Direttorat ta' l-Implimentazzjoni ta' Programmi fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Project Leader (National Identity Management Systems)* matul il-perjodu tal-kuntratt ikollha l-kuntratt terminat.

2.2 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjali Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sutantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għall-grad sustantiv tagħha meta jintemm il-kuntratt. Fil-każ ta' persuna magħżula li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impieg tagħha mal-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm fil-każ li jiġi tterminat il-kuntratt.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u, waqt il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 5, hija tkun mistennija li tħalli d-doveri ta' *Project Leader (National Identity Management Systems)* fid-Direttorat ta' l-Implimentazzjoni ta' Programmi u tkun trasferita għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdida tagħha. Iżda, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala ta' Salarju 5 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Project Leader (National Identity Management Systems) at the Programme Implementation Directorate within the Ministry for Justice and Home Affairs

The Public Service Commission invites applications for the position of Project Leader (National Identity Management Systems) at the Programme Implementation Directorate within the Ministry for Justice and Home Affairs.

2.1 The selected candidate will enter into a three-year contract as Project Leader (National Identity Management Systems) at the Programme Implementation Directorate within the Ministry for Justice and Home Affairs. Unsatisfactory performance as Project Leader (National Identity Management Systems) during the contract period will lead to termination of contract.

2.2 If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on termination of contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, his/her employment with the Ministry for Justice and Home Affairs as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of contract.

2.3 If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service and during the contract period is appointed to a grade with a Salary Scale higher than the Scale 5, he/she will be required to relinquish the duties of Project Leader (National Identity Management Systems) at the Programme Implementation Directorate and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of the selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 5 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term

perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt fis-seħħ.

3. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *Project Leader (National Identity Management Systems)* fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern huwa ekwivalenti għall-massimu tas-Salarju fi Skala 5 (Lm9,560 fis-sena 2007). Il-persuna magħżula tkun intitolata għal *performance bonus* sa massimu ta' 10% tas-salarju tagħha. F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, tiħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4.1 Il-*Project Leader (National Identity Management Systems)* fid-Direttorat ta' l- Implimentazzjoni ta' Programmi fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern ikun/tkun responsabbli biex:

a) Jipparteċipa/tipparteċipa (u jassigura/tassigura koordinazzjoni u kooperazzjoni effettiva) fil-Kumitati varji li se jitwaqqfu sabiex jieħdu ħsieb il-komponenti varji tal-proġett;

b) Jorganizza/torganizza u jipparteċipa/tipparteċipa f'laqgħat ma' kumpaniji nteressati u entitajiet konċernati waqt il-fażi ta' *Tendering*;

ċ) Jassisti/tassisti lid-Direttur (Implimentazzjoni ta' Programmi) fil-formulazzjoni ta' tqassim amministrattiv li jidħol fis-seħħ meta jibdew jitħaddmu s-sistemi;

d) Matul il-perjodu ta' l-implimentazzjoni jassigura/tassigura li s-sistemi jingħataw skond iż-żminijiet stipulati u li jikkonformaw ma' l-ispeċifikazzjonijiet mitluba mill-entitajiet konċernati;

e) Jimmoniterja/timmoniterja l-koordinazzjoni u l-introduzzjoni/l-integrazzjoni ta' sistemi ta' l-IT u l-operat ta' *units* ġodda mwaqqfin sabiex imexxu x-xogħlijiet relatati; u

f) Jassisti/tassisti fit-twaqqif ta' *Identity Management Office*, u sussegwentement ikun/tkun responsabbli mit-tmexxija għal dan l-Uffiċċju (li jieħu ħsieb tal-proċess ta' reġistrazzjoni ċentralizzata, iservi ta' organizzazzjoni ta' *monitoring* ta' operazzjonijiet, jieħu miżuri ta' infurzar u jieħu ħsieb tal-produzzjoni u tal-personalizzazzjoni ta' dokumenti ta' identifikazzjoni).

4.2 Il-persuna magħżula tista' tintalab taħdem sigħat flessibbli skond l-esiġenzi tas-servizz.

4.3 Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa tattendi

of engagement as provided by the contract in force.

3. The position of Project Leader (National Identity Management Systems) at the Programme Implementation Directorate within the Ministry for Justice and Home Affairs carries a salary equivalent to the maximum of Salary Scale 5 (Lm9,560 per annum in 2007). The selected candidate will be entitled to a performance bonus of a maximum of 10% of his/her salary. In the case that a selected applicant is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service, the difference between the salary to which he/she is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of this position will be paid as a non-pensionable allowance.

4.1 The Project Leader (National Identity Management Systems) at the Programme Implementation Directorate within the Ministry for Justice and Home Affairs will be responsible for:

a) Participating in (and ensuring effective co-ordination and co-operation between) the various Committees which will be set up in order to handle the different components of the project;

b) Setting up and participating in meetings with potential bidders and stakeholders during the Tendering phase;

c) Assisting the Director (Programme Implementation) in formulating and putting forward the ideal administrative set-up which would be in place when the systems are operational;

d) Ensuring, during the implementation phase, that the systems are delivered according to the established timeframes and conform with the specifications put forward by the stakeholders;

e) Monitoring the co-ordination and migration/integration of IT systems and the functionality of newly set up units which will deal with the related tasks;

f) Assisting in the setting up of an Identity Management Office and subsequently be responsible for managing this Office (which would handle the centralised registration process, serve as the operations monitoring organisation, carry out enforcement measures and manage the identity document production and personalisation).

4.2 The selected applicant may have to be flexible in his/her time-table according to the exigencies of the Service.

4.3 The selected applicant may be required to undergo a

perjodu qasir ta' taħriġ.

5. L-applikanti għandhom:-

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ikunu ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea); jew

(iv) ikunu l-konjugi jew tfal, anke jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f(i), (ii), (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġislazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġislazzjoni sussidjarja.

(b) (i) ikunu fil-pussess ta', jew ġew approvati biex jingħataw, *post graduate degree,* jew kwalifika oħra xierqa u komparabbli, fil-*Business Administration* jew fit-Teknoloġija ta' l-Informatika jew f'oqsma relatati oħra, u tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol fl-Immaniġjar ta' Proġetti jew fit-Teknoloġija ta' l-Informatika (sena minnhom trid tkun f'pożizzjoni maniġerjali); jew

(ii) ikunu fil-pussess ta', jew ġew approvati biex jingħataw, *first degree,* jew kwalifika oħra xierqa u komparabbli, fil-*Business Administration* jew fit-Teknoloġija ta' l-Informatika jew f'oqsma relatati oħra, u ħames (5) snin esperjenza ta' xogħol fl-Immaniġjar ta' Proġetti jew fit-Teknoloġija ta' l-Informatika (sena minnhom trid tkun f'pożizzjoni maniġerjali); jew

(iii) ikunu Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta f'mhux inqas minn Skala ta' Salarju 7 u tmien (8) snin esperjenza ta' xogħol fl-Immaniġġjar ta' Proġetti jew fit-Teknoloġija ta' l-Informatika (sena minnhom trid tkun f'pożizzjoni maniġerjali);

ċ) iridu jkunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

d) iridu jkunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw il-formola *Service and Leave Record Form* (GP

short period of training.

5. Applicants for the position must:

(a) (i) be citizens of Malta; or

(ii) be citizens of another European Union Member State; or

(iii) be citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(iv) be the spouse or children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs Department, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(i) be in possession of, or have been approved for the award of, a post-graduate degree, or an appropriate, comparable qualification, in Business Administration or Information Technology or in related areas, plus three (3) years work experience in Project Management or Information Technology (of which one year must be in a management position); or

(ii) be in possession of, or have been approved for the award of, a first degree, or an appropriate, comparable qualification, in Business Administration or Information Technology or in related areas, plus five (5) years work experience in Project Management or Information Technology (of which one year must be in a management position); or

(iii) be public officers holding a substantive grade in the Malta Public Service in a Salary Scale not below scale 7 and have eight (8) years work experience in Project Management or Information Technology (of which one year must be in a management position).

c) be able to communicate in the Maltese and English languages;

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must provide a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside must

47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-pulizija jew minn awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern Malti u jagħtu d-dettalji).

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbil tà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1 L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal intervista minn Bord ta' l-Għażla biex jiġi aċċertat min minnhom huwa adatt għal din il-pożizzjoni.

7.2 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom isiru fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

8.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8.2 Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg jew l-awtorità konċernata, skond il-każ, liema rapport għandu jinthemez ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali jintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport ikunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibgħatu kopja tar-rapport maħruġ mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

provide a Certificate of Conduct issued by the Police or another competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to NCPD.

7.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

7.2 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

8.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

8.2 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which report should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report by the pertinent authority to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi assigurat li hija adatta għal din il-pożizzjoni.

10. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet, kif aġġornati minn żmien għal żmien, kif hemm stipulat fl-*agreement* li japplika għal dawk l-Uffiċjali Pubbliċi li m'għandhomx/għandhom ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, liema kuntratti jidhru f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code* rispettivament. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* fuq il-*website* tal-*Management and Personnel Office* fl-indirizz:- http://www.mpo.gov.mt.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Valletta CMR 02.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern, *House of Catalunya*, Triq Marsamxett, Valletta CMR 02 sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Jannar 2007.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Jannar 2007 jistgħu jiġu kkunsidrati, basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern fl-indirizz ta' hawn fuq sa mhux aktar tard minn ġimgħa mid-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment huwa +356-2124 5392).

14. (a) Tingħata rċevuta minnufih mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Dipartiment.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni bizzejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern.

Id-19 ta' Diċembru, 2006

9. The selected candidate will be medically examined to ascertain that heċshe is fit for the position.

10. On engagement, the selected applicant will be bound by the terms and conditions, as updated from time to time, stipulated in the agreement for public officers not holding/holding a substantive appointment in the Malta Public Service, as applicable, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the MPO web site at address:- http://www.mpo.gov.mt.

11. Application forms may be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Human Resources Section, Department of Corporate Services, Ministry for Justice and Home Affairs, House of Catalunya, Triq Marsamxetto, Valletta.

12. Applications, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director, Corporate Services, Ministry for Justice and Home Affairs, House of Catalunya, Triq Marsamxetto, Valletta CMR 02 by not later than noon of Friday, 19th January 2007.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 19th January 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director of Corporate Services, Ministry for Justice and Home Affairs, at the above address by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the Department is +356-2124 5392).

14. a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director of Corporate Services, Ministry for Justice and Home Affairs and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director of Corporate Services, Ministry for Justice and Home Affairs, within seven (7) days.

19th December, 2006

EUROPEAN UNION

European Aviation Safety Agency

The European Personnel Selection Office, EPSO, has published six notices in its Non-Permanent posts Section at http://europa.eu.int/epso/temp-staff_en.htm on behalf of the European Aviation Safety Agency (EASA), which is seeking to set up reserve lists for the following:

Ref.: EASA/AST/2006/113 Temporary Agent (M/F) - Secretary distribution. Grade: AST 2. Closing Date: 18 December 2006. More information

Ref.: EASA/AST/2006/111 Temporary Agent (M/F) - Secretary. Grade: AST 2. Closing Date: 22 December 2006. More information

Ref.: EASA/AD/2006/110 Temporary Agent (M/F) - Mechanical Equipment Expert. Grade: AD 6. Closing Date: 15 January 2007. More information

Ref.: EASA/AD/2006/112 Temporary Agent (M/F) - Safety Analyst. Grade: AD 6. Closing Date: 15 January 2007. More Information

Ref.: EASA/AD/2006/114 Temporary Agent (M/F) - Safety Recommendations Officer. Grade: AD 6. Closing Date: 15 January 2007. More information

Ref.: EASA/AD/2006/115 Temporary Agent (M/F) - Accounting Officer. Grade: AD 9. Closing Date: 31 January 2007. More information

All the information concerning these vacancy notices such as the job description, qualifications and experience required, eligibility and selection criteria, and the application procedure may be viewed on the EASA website at http://www.easa.europa.eu/home/career_opp_en.html section "Career Opportunities". It may also be accessed through the above-mentioned EPSO website.

For applications to be valid, candidates must submit in a single A4-sized envelope one (1) original and four (4) copies of all of the following documents:

a completed EASA application form*:
a motivation letter of no more than one page, preferably typed, explaining why the candidate is interested in the post and what would be her/his added value to the Agency if selected.

*This document is available on the following website:
http://www.easa.eu.int/career_opp_en.html

Applications, bearing the reference number of the respective vacancy, must be sent by registered mail no later than respective closing dates for each vacancy, the postmark serving as proof of the date of dispatch to the following address:

European Aviation Safety Agency
Human Resources - Recruitment Sector
(Reference of Vacancy)
Postfach 10 12 53
D-50452 Cologne, Germany

Department of Policy and Planning,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Valletta

19th December, 2006

EUROPEAN UNION

Recruitment of Lawyer-Linguists, (AD7), having as their main language, Maltese, Hungarian, Slovak, Danish, English and Swedish

The European Personnel Selection Office (EPSO) of the European Union is organising a series of open competitions to be held in parallel with a view to recruiting Lawyer-Linguists (AD7) who have as their main language Danish, English, Swedish, Hungarian, Maltese and Slovak. Further details may be seen on the EPSO website at http://europa.eu.int/epso/index_en.htm under "Latest News."

The Notices for these competitions are published in the Official Journals of the European Union, No. C 290 A Volume 49 dated 29 November 2006 and No. C 291 A Volume 49 dated 30 November 2006, as indicated below. These Official Journals may be viewed by visiting the website http://europa.eu.int/eur-lex/en/search/search_oj.html.

The notices are the following:

The Ministry for Investment, Industry and Information Technology (MIIIT) notifies that sealed tenders will be received in the above mentioned Ministry for the supply of styleguide, policheck and glossary to be used for the localization of Microsoft products in the Maltese language.

A copy of the invitation to tender can be downloaded from the MIIIT website: www.miti.gov.mt.

Il-proposti għandhom jinxteħtu fil-kaxxa ta' l-offerti li tinsab fil-Ministeru għall-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni, 111, Palazzo Verdelin, Triq l-Arċisqof, Valletta CMR02, mhux aktar tard minn nofsinhar (ħin lokali) ta' nhar it-Tnejn, it-8 ta' Jannar, 2007. Proposti li jasli tard ma jiġux ikkunsidrati.

Id-data ta' l-għeluq ta' din l-offerta ġiet estiża minn nhar il-Ħamis, il-21 ta' Diċembru 2006.

Id-19 ta' Diċembru, 2006

Proposals are to be deposited in the tender box located at the Ministry for Investment, Industry and Information Technology, Palazzo Verdelin, 111, Triq l-Arċisqof, Valletta CMR 02, by not later than noon (local time) on Monday, 8th January, 2007. Late submissions will not be considered.

The closing date of this tender has been extended from Thursday, 21st December 2006.

19th December, 2006

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Ir-Rettur jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, is-17 ta' Jannar, 2007, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. UM/1200. Provvista, konsenja, stallazzjoni u kummissjunar ta' *high resolution digital colour, complete camera system*, biex tintuża ma' Nikon Microscope għad-Dipartiment tal-Metallurġija u Inġinerija tal-Metalli – l-Università ta' Malta.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5.25 (inkluża l-VAT) għal kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. UM/1201. Provvista, stallazzjoni u kummissjunar ta' sistema għat-tifi tan-nar għall-Awditorju tal-Junior College, l-Università ta' Malta.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10.50 (inkluża l-VAT) għal kull dokument ta' l-offerta.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-*Purchasing* u *Supplies,* l-Università ta' Malta, l-Imsida, (Kamra 316A, Bini ta' l-Amministrazzjoni) f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar. Il-ħlas għandu jsir fil-*Cash Office,* Bini ta' l-Amministrazzjoni, matul l-istess ħinijiet.

Il-pubbliku jista' jattendi matul il-ftuħ u l-għoti ta' l-offerti nhar l-Erbgħa, is-17 ta' Jannar, 2007, fl-10.15 a.m. f'Kamra 300A, Bini ta' l-Amministrazzjoni, l-Università ta' Malta, l-Imsida.

Id-19 ta' Diċembru, 2006

UNIVERSITY OF MALTA

The Rector notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 17th January, 2007 for:-

Advt. No. UM/1200. Supply, delivery, installation and commissioning of a high resolution digital colour, complete camera system, for use with a Nikon Microscope for the Department of Metallurgy and Materials Engineering - University of Malta.

A document fee of Lm5.25 (inclusive of VAT) should be paid.

Advt. No. UM/1201. Supply, installation and commissioning of a fire fighting system for the Auditorium at the Junior College, University of Malta.

A document fee of Lm10.50 (inclusive of VAT) should be paid.

Tenders should be made only on the prescribed form, which together with the relative conditions and other documents may be obtained from the Purchasing and Supplies Section, University of Malta, Msida, (Room 316A, Administration Building) on any working day between 8.30 a.m. and noon. Payment should be effected at the Cash Office, Administration Building, during the same times.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders on Wednesday, 17th January, 2007 at 10.15 a.m. in Room 300A, Administration Block, University of Malta, Msida.

19th December, 2006

MINISTERU GĦALL-KOMPETITTIVITÀ U L-KOMUNIKAZZJONI

Id-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Kompetittività u l-Komunikazzjoni jgħarraf illi:

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, l-4 ta' Jannar, 2007 jintlaqgħu offerti magħluqin fil-kaxxa ta' l-offerti fl-uffiċċju tat-Taqsima ta' l-Amministrazzjoni u r-Riżorsi Umani fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Kompetittività u l-Komunikazzjoni, Fafner House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, għal:-

Avviż Nru. 2/2006. Provvista ta' servizzi ta' tindif lill-Ministeru għall-Kompetittività u l-Komunikazzjoni.

Dokumenti ta' l-offerta u tagħrif ieħor jistgħu jinġabru mid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Kompetittività u l-Komunikazzjoni, Fafner House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda.

Individwi u kumpanniji interessati huma mħeġġa li jikkuntattjaw lid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Kompetittività u l-Komunikazzjoni, Fafner House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda (att: Ms Helen Sceberras Brownrigg) fuq numri tat-telefon 246891/247478 għal aktar dettalji.

Id-19 ta' Diċembru, 2006

MINISTRY FOR COMPETITIVENESS AND COMMUNICATIONS

The Director Corporate Services, Ministry for Competitiveness and Communications, notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box in the office of the Administration and Human Resources Section at the Department of Corporate Services, Ministry for Competitiveness and Communications, Fafner House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, up to 10.00 a.m. on Thursday, 4th January, 2007, for:

Advt. No. 2/2006. Provision of cleaning services to the Ministry for Competitiveness and Communications.

Tender forms and further information may be obtained from the Department of Corporate Services, Ministry for Competitiveness and Communications, Fafner House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda.

Interested firms or individuals are requested to contact the Department of Corporate Services, Ministry for Competitiveness and Communications, Fafner House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda (att: Ms Helen Sceberras Brownrigg) on telephone numbers 246891/247478 for further details.

19th December, 2006

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jgħarraf illi:

Sas-2.00 p.m. ta' nhar il-Ġimgħa l-5 ta' Jannar, 2007, fil-kaxxa ta' l-offerti apposta fil-Bini ta' l-Amministrazzjoni, Kampus Prinċipali, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid, jintlaqgħu offerti magħluqin għall-bejgħ ta' magni ta' l-inġinerija mekkanika msemmija hawn taħt.

Tip ta' Magna	**Ditta/Manifattur**
1. *Cylindrical Grinder*	Tacota Italia
2. *Surface Grinder*	Delta
3. *Tool Grinder*	Telisatti
4. *Tool Grinder*	Alfa LC 35
5. *Electric Power Punch*	Sangiacomo
6. *Dual Grinder*	Reliance (6574)
7. *Dual Grinder*	Model M
8. *Shaping Machine*	Ingers 460
9. *Shaping Machine*	Elliot
10. *Shaping Machine*	Elliot
11. *Spark Erosion*	Cesare Ubaldi

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Malta College of Arts, Science and Technology notifies that:

Sealed offers will be received in the appropriate box at the Administration Building, Main Campus, Corradino Hill, Paola, by not later than Friday 5th January 2007 until 2.00 p.m. for the sale of the mechanical engineering machines mentioned below.

Machine Type	**Brand/Manufacturer**
1. Cylindrical Grinder	Tacota Italia
2. Surface Grinder	Delta
3. Tool Grinder	Telisatti
4. Tool Grinder	Alfa LC 35
5. Electric Power Punch	Sangiacomo
6. Dual Grinder	Reliance (6574)
7. Dual Grinder	Model M
8. Shaping Machine	Ingers 460
9. Shaping Machine	Elliot
10. Shaping Machine	Elliot
11. Spark Erosion	Cesare Ubaldi

Min hu interessat ikollu l-opportunità li jara dawn il-magni, waqt li jitħaddmu, matul id-diversi ġranet li se jkun fl-Istitut ta' l-Inġinerija Mekkanika (Blokk I), it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid, bejn id-9.00 a.m. u s-1.00 p.m. f'dawn il-ġranet:

L-Erbgħa 20 ta' Diċembru 2006
It-Tlieta 2 ta' Jannar 2007
L-Erbgħa t-3 ta' Jannar 2007

L-MCAST iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Il-magni kollha jinbiegħu *tale quale*.

Min jieħu l-offerta jkollu jneħħi l-magni mill-*workshop* tal-kulleġġ mhux aktar tard mill-Ġimgħa t-12 ta' Jannar, 2007 u jkollhom jipprovdu t-trasport tagħhom.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb minn fuq in-numri tattelefon: 2398710, *Fax*: 23987316, jew fuq l-indirizz elettroniku: www.mcast.edu.mt

Id-19 ta' Diċembru, 2006

Interested parties will have the opportunity to view these machines, operational, during the various open days which will be held at the: Mechanical Engineering Institute (Block I), Corradino Hill, Paola between 9.00 a.m. and 1.00 p.m. on the following days:

Wednesday 20th December 2006
Tuesday 2nd January 2007
Wednesday 3rd January 2007

MCAST reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

All machines will be sold tale quale.

Successful bidders will have to remove machines from the college workshop by not later than Friday 12th January, 2007 and will be provide their own transport.

Further information may be obtained from the following numbers: Tel: 23987100 Fax: 23987316, or e-mail address: www.mcast.edu.mt

19th December, 2006

KORPORAZZJONI TA' XOGĦOL U TAĦRIĠ

Iċ-*Chief Executive*, Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ, jgħarraf illi:

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-12 ta' Jannar 2007, fil-Kaxxa ta' l-Offerti fir-*Reception Desk* fl-Uffiċċju Prinċipali tal-Korporazzjoni jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. ETC/12/2006. Provvista ta' Servizzi Legali kif speċifikati fid-dokument ta' l-offerta ETC/12/2006.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

L-offerti għandhom ikunu f'envelops magħluqa mmarkati bil-kliem ETC TENDER 12/2006 flimkien ma' l-isem ta' l-offerent u indirizzati liċ-*Chief Executive*, Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ, Ħal Ħar.

Kopji tad-dokument ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Finanzi tal-Korporazzjoni f'Ħal Far bejn it-8.00 a.m. u n-nofsiegħa.

Il-Korporazzjoni żżomm id-dritt li taċċetta jew tirrifta, f'parti jew kollha kemm hi xi offerta jew l-offerti kollha li jaslulha.

Id-19 ta' Diċembru, 2006

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

The Chief Executive, Employment and Training Corporation, notifies that:

Sealed tenders will be received in the tender box at the Corporations's Head Office Reception Desk up to noon of Friday, 12th January, 2007, for:–

Advt. No. ETC/12/2006. Supply of Legal Services as specified in the tender document ETC/12/2006.

A fee of Lm20 is to be paid for every copy of tender document.

Tenders should be placed in a sealed envelope, marked with the words ETC TENDER 12/2006 together with the tenderer's name and addressed to the Chief Executive Employment and Training Corporation, Ħal Far.

Copies of the tender document may be obtained from the Finance Office of the Corporation at Ħal Far between 8.00 a.m. and 12.30 p.m.

The Corporation reserves the right to accept or reject, in part or in full, any or all of the tenders submitted.

19th December, 2006

SERVIZZI FARMAĊEWTIĊI TAL-GVERN

Id-Direttur tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Guardamangia jgħarraf illi:-

Sad-9.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, is-26 ta' Diċembru, 2006 fil-Kaxxa Ħadra fir-*reception area* tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, Guardamangia, l-Imsida, Malta, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. PFI Nru. 2792. *One piece drainable bags (salts) Code No. CFDT 13 (13-65mm).*
Kwot. PFI Nru. 2793. *Folinic Acid 15mg tablets.*
Kwot. PFI Nru. 2794. *Drug labels.*

Il-*PFI's* imsemmija hawn fuq jistgħu jinkisbu minn fuq http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240

Aktar tagħrif jistgħu jinkisbu mis-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Id-19 ta' Diċembru, 2006

GOVERNMENT PHARMACEUTICAL SERVICES

The Director, Government Pharmaceutical Services, Guardamangia notifies that:

Sealed quotations are to be dropped in the Green Box at the reception area of the Government Pharmaceutical Services, Guardamangia, Msida, Malta, by 9.00 a.m. of Tuesday, 26th December 2006, for:-

Quot. PFI No. 2792. One piece drainable bags (salts) Code No. CFDT 13 (13-65mm).
Quot. PFI No. 2793. Folinic Acid 15mg tablets.
Quot. PFI No. 2794. Drug labels.

All the above PFI's can be downloaded from http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240

Further information may by obtained from the Government Pharmaceutical Services on any working day between 8.30 a.m. and noon.

19th December, 2006

KUMITAT KONĠUNT GĦALL-IMDINA, ATTARD, BALZAN, IKLIN U LIJA

Il-Kunsilli Lokali Mdina, Attard, Balzan, Iklin u Lija, qed jagħmlu sejħa għall-offerta għall-kuntratt ta' provvista ta' stallazzjoni ta' dawl fit-toroq u servizzi ta' manutenzjoni. (Avviż Nru. SLJC-06).

Dawk il-persuni interessati li jipprovdu dan is-servizz għandhom jiksbu d-dokumenti ta' l-offerta mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Iklin bi ħlas ta' Lm25.

L-offerti għandhom jintefgħu fil-kaxxa ta' l-offerti apposta fl-Uffiċċji Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Iklin sa mhux aktar tard minn nofsiegħa tal-Ġimgħa, id-29 ta' Diċembru 2006.

Il-Kumitat Konġunt għall-Manutenzjoni tad-Dawl tat-Toroq jirriżerva d-dritt li jirrifjuta ukoll l-aktar offerta vantaġġuża.

Id-19 ta' Diċembru, 2006

JOINT COMMITTEE FOR MDINA, ATTARD, BALZAN, IKLIN AND LIJA

The Mdina, Attard, Balzan, Iklin and Lija Local Councils are issuing a joint call for tenders for the provision of street lighting installation and maintenance services (Advt. No. SLJC-06).

Persons interested to provide this service can obtain the tender documents from the Iklin Local Council's Administrative Office at a fee of Lm25.

Tender documents are to be deposited in the appropriate tender box at the Administrative Offices of the Iklin Local Council by not later than 12.30 p.m. of Friday, 29th December 2006.

The Joint Committee for the Maintenance of Street Lighting reserves the right to refuse even the most advantageous offer.

19th December, 2006

KUMITAT KONĠUNT GĦALL-IMDINA, ATTARD, BALZAN, IKLIN U LIJA

Il-Kunsilli Lokali Mdina, Attard, Balzan, Iklin u Lija, qed jagħmlu sejħa għall-offertia għas-servizz ta' *Contract Manager* biex jissorvelja, jivverifika u jiċċertifika xogħol li jkun sar fuq manutenzjoni għad-dawl tat-toroq (Avviż Nru. SLJC-06).

JOINT COMMITTEE FOR MDINA, ATTARD, BALZAN, IKLIN AND LIJA

The Mdina, Attard, Balzan, Iklin and Lija Local Councils are issuing a joint call for tenders for the service of Contract Manager to supervise, verify and certify works carried out on street lighting maintenance (Advt. No. SLJC-06).

Il-*Contract Manager* ikun responsabbli li jiżgura l-qwalità u jara li kollox ikun skond id-dispożizzjonijiet stipulati fil-kuntratt għall-manutenzjoni tad-dawl tat-toroq.

Dawk il-persuni interessati li jipprovdu dan is-servizz għandhom jiksbu d-dokumenti ta' l-offerta mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Iklin bi ħlas ta' Lm25.

L-offerti għandhom jintefgħu fil-kaxxa ta' l-offerti fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Iklin sa mhux aktar tard minn 12.30 p.m. ta' nhar il-Ġimgħa, id-29 ta' Diċembru 2006.

Il-Kumitat Konġunt għall-Manutenzjoni tad-Dawl tat-Toroq jirriżerva d-dritt li jirrifjuta anke l-aktar offerta vantaġġuża.

Id-19 ta' Diċembru, 2006

The Contract Manager will be responsible for quality assurance and check that everything is according to the provisions stipulated in the contract for the street lighting maintenance.

Persons interested to provide this service can obtain the tender documents from the Iklin Local Council's Administrative Office at a fee of Lm25.

Tender documents are to be deposited in the tender box at the Administrative Office of the Iklin Local Council by not later than 12.30 p.m. of Friday, 29th December 2006.

The Joint Committee for the Maintenance of Street Lighting reserves the right to refuse even the most advantageous offer.

19th December, 2006

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1847

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti, fil-15 ta' Novembru 2006, fl-atti ta' l-Avviż Numru 281/2003 RFA, fl-ismijiet Antoinette Mifsud vs Middlesea Insurance plc, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimata, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz, ta' Rikors tal-Appell ippreżentat fil-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-atti tal-Avviż Numru 281/2003 RFA, fl-ismijiet Antoinette Mifsud vs Middle Sea Insurance p.l.c. Deċiża 13 ta' Ottubru 2006, ir-rikorrenti soċjetà Middle Sea Insurance p.l.c. esponiet bir-rispett;

1) Illi permezz ta' Avviż ippreżentat quddiem it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar, fil-31 ta' Jannar 2003, l-attriċi appellata talbet lit-Tribunal jikkundanna lis-soċjetà konvenuta appellanti, tħallas lill-attriċi appellata s-somma ta' elf u ħames mitt lira Maltin (Lm1,500) rappreżentanti kont maħruġ mill-Isptar Capua Palace għall-kura li l-attriċi rċeviet minn għandhom

...Omissis...

2) Illi s-soċjetà konvenuta appellanti eċċepiet fir-risposta tagħha tas-7 ta' Marzu 2003, illi t-talba attriċi kellha tiġi miċħuda għaliex:

i) l-attriċi ddaħħlet l-isptar Capua mhux sabiex tirċievi kura medika - tali kura ġiet meħuda mill-Isptar San Luqa

It is hereby notified that the Court of Appeal, by means of a decree given, on the 15th November 2006, in the records of the Notice Number 281/2003 RFA, in the names Antoinette Mifsud vs Middlesea Insurance plc, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application of Appeal, filed , in the Court of Appeal (Inferior Jurisdiction) in the records of the Notice Number 281/2003 RFA, in the names Antoinette Mifsud vs Middle Sea Insurance p.l.c. Decided on the 13th October 2006, the applicant company Middle Sea Insurance p.l.c. pleaded with respect;

1) That by means of a Notice filed before the Small Claims Tribunal, on the 31st January 2003, the respondent plaintiff prayed that the Tribunal, condemn the appellant defendant company to pay the respondent plaintiff, the sum of one thousand five hundred Maltese liri (Lm1,500) representing bill issued by the Capua Palace Hospital for the care that the plaintiff received from them

...Omissis...

2)That the defendant appellant company pleaded in its reply of the 7th March 2003, that the plaintiff's claim should have been rejected because:

i) the plaintiff entered Capua Hospital not to receive medical treatment, such treatment was given at St. Luke's Hospital

...Omissis...

ii) jispetta lill-attriċi illi turi illi l-attenzjoni illi hija rċeviet ġewwa l-imsemmi Sptar, huwa kopert taħt il-polza maħruġa mis-soċjetà konvenuta

...Omissis...

3) Illi l-fatti illi taw lok għal din il-kawża huma fil-qosor tagħhom is-segwenti;

i) Illi l-appellata ddaħħlet l-isptar San Luqa, fit-30 ta' Lulju 2001, minħabba ġrieħi li soffriet.

ii) Illi wara li spiċċat tirċievi l-kura medika meħtieġa, allura appuntu fl-4 ta' Awissu 2001, l-attriċi ġiet rilaxxjata mill-Isptar San Luqa

...Omissis...

iii) Illi l-attriċi ddaħħlet fl-Isptar Capua għall-fini tar-rijabilitazzjoni tagħha kif evidenzjat mid-Dokument ST (a fol 58) tal-proċess

...Omissis...

iv) Illi l-appellata rċeviet kont ta' Lm1,650.62 għall-kura li hija rċeviet mill-Isptar Capua Palace

...Omissis...

v) Illi l-attriċi kienet koperta bil-polza medika (minnha identifikata fl-Avviż promotur)

...Omissis...

VI) Illi l-polza maħruġa mis-soċjetà appellanti (esebita mis-soċjetà appellanti) teskludi speċifikament mill-koperta altrimenti kkomtemplata minnha, ir-rijbilitazzjoni.

4) Illi permezz ta' sentenza, tat-13 ta' Ottubru 2006, it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ċaħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta appellanti u laqgħet it-talba attriċi u konsegwentement ikkundanna lill-istess soċjetà konvenut appellanti, tħallas is-somma ta' elf u ħames mitt lira Maltin (Lm1,500) bl-imgħax dekorribili mid-data tan-notifika tal-proċeduri u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjetà konvenuta appellanti.

5) Illi s-soċjetà appellanti hija aggravata minn din is-sentenza u minnha qeda tinterponi dan l-appell.

6) Illi l-motivi ta' dan l-aggravju huma s-segwenti:

...Omissis...

ii)The plaintiff is to show that the attention that she received in the said Hospital, is covered under a policy issued by the defendant company

...Omissis...

3)That the facts which gave rise to this cause are in short the following;

i) That the respondent entered Saint'Luke's Hospital, on the 30th July 2001, due to the injuries she suffered.

ii) That after she finished taking the necessary medical care, thus on the 4th August 2001, the plaintiff was released from St. Luke's Hospital

...Omissis...

iii)That the plaintiff entered Capua Hospital for the purposes of her rehabilitation as evidence by Document ST (a fol 58) of the proceedings

...Omissis...

iv) That the respondent received a bill for Lm1,650.62 for the care she received by the Capua Palace Hospital

...Omissis...

v) That the plaintiff was covered by the medical policy identified by it in the Original Notice)

...Omissis...

vi) That the policy issued by the appellant company exhibited by the appellant company) excludes specifically from the cover, contemplated by it, rehabilitation.

4) That by means of a judgement, of the 13th October 2006, The Small Claims Tribunal, rejected the pleas of the appellant defendant company and upheld the plaintiff's claim and consequently condemned the same appellant defendant company, to pay the sum of one thousand five hundred Maltese Liri (Lm1,500) with interest to run from the date of the service of the procedures and with the costs against, the appellant defendant company.

5) That the appellant company is aggrieved by this judgement and is filing this appeal therefrom.

6) That the motives of this grievance are the followingġ

7) L-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellanti huma tnejn simili iżda mhux identiċi. Fl-ewwel eċċezzjoni tagħha s-soċjetà appellanti issollevat l-esklużjoni fil-polza maħruġa minnha dwar rehabilitation. Fit-tieni eċċezzjoni s-soċjetà konvenuta insistiet illi l-attriċi appellata turi illi hija koperta taħt il-polza għall-medikament illi hija tallega illi rċeviet fl-Isptar Capua

...Omissis...

8) Illi l-maġġjor parti tal-provi miġbura f'din il-kawża kienet tirrigwarda l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà appellanti cioé illi l-attriċi kienet iddaħħlet l-Isptar Capua għal rehabilitation u li għalhekk u invista ta' l-esklużjoni speċifika maħsuba fil-polza tagħha dik il-'kura' hija eskluża mill-kopertura. Illi mhux ċar fis-sentenza tat-Tribunal x'wassal biex din l-eċċezzjoni tiġi soppressa u biex it-Tribunal ikkonkluda illi l-kura illi reċeviet l-attriċi ma kinetx rehabilitation

...Omissis...

i) Illi kif ġa ġie sottomess l-admission form, ta' l-Isptar Capua, tidentifka bħala r-raġuni ta' l-ammissjoni ta' l-attriċi fl-Isptar proprju r-rijabilitazzjoni

...Omissis...

ii) Illi din il-formola intliet minn Tania D'Amore impjegata ta' l-Isptar Capua, illi xehdet fl-udjenza tat-12 ta' Ġunju 2005.

...Omissis...

iii) Dottor Clive Bezzina xehed bħala rappreżentant ta' l-Isptar San Luqa fejn kienet rikoverata l-attriċi qabel ma ġiet discharged

...Omissis...

iv) Albert Micallef (rappreżentant ta' l-Isptar Capua) ikkonferma illi rriżulta illi l-attriċi ddaħlet l-Isptar għal rehabilitation

...Omissis...

v) l-istess Micallef ta struzzjonijiet li l-kura illi rċeviet l-attriċi fl-Isptar Capua, cioé painkillers u asperina

...Omissis...

vi) Il-kwistjoni ta' DVT tqanqlet minn ċertifikat maħruġ

7) The pleas of the appellant company are two, similar but not identical. In its first plea, the appellant company, raised the exclusion in the policy issued by it regarding the rehabilitation. In the second plea the defendant company insisted that the respondent plaintiff, shows that she is covered under the policy for treatment, that she alleges that she received at Capua Hospital

...Omissis...

8) That the major part of the proof collected in this cause refer to the first plea of the appellant company, that is that the plaintiff, had entered Capua Hospital for rehabilitation and thus in view of the specific exclusion provided in her policy, that care is excluded from the cover. That it is not clear in the Tribunal's judgement, what brought about the suppression of this plea and why the Tribunal concluded that the care, that the plaintiff received, was not rehabilitation

...Omissis...

i) That as it has already been submitted the admission form, of Capua Hospital, identifies as a reason for the admission of the plaintiff in hospital, rehabilitation

...Omissis...

ii) That this form was filled up by Tania D' Amore employed at Capua Hospital,that testified during the hearing of the 12th June 2005

...Omissis...

iii) Dr Clive Bezzina testified as a representative of Saint Luke's Hospital, were the plaintiff was undercare before, she was discharged

...Omissis...

iv) Albert Micallef (representative of Capua Hospital) confirmed that it resulted that the plaintiff entered Hospital for rehabilitation

...Omissis...

v) That the same Micallef, detailed the care and custody that the plaintiff received, at Capua Hospital , that is painkillers and asperina

...Omissis...

vi) the problem regarding DVT was raised from a

fil-5 ta' Mejju 2002, minn Mr Charles Grixti u esebit a fol 3 tal-proċess

...Omissis...

Min jaqra dan iċ-ċertifikat (maħruġ wara illi s-soċjetà appellanti kienet qiegħda tirrifjuta taċċetta l-claim ta' l-attriċi u trasmessa lis-soċjetà appellanti preżumibbilment sabiex tiġi konvinta tagħmel mod ieħor) jiġi indott jifhem illi l-attriċi ġiet trasferita min sptar għall-ieħor proprju minħabba dan is-suspett u kien dan is-suspett illi qanqal il-ħtieġa illi tiġi rikoverta l-Isptar

...Omissis...

vii) It-Tribunal ta ħafna piż lix-xhieda ta' Mr Grixti, fil-fehma tas-soċjetà appellanti huwa ttenta jiżvaluta l-kredibbilità tax-xhud Dr. Bezzina billi qal in effett illi Dottor Bezzina jokkupa l-aktar grad baxx fil-ward fejn kienet rikoverata l-attriċi

...Omissis...

Qabel ma xehed, Mr Grixti kien ippreżenta Affidavit fejn ikkonferma iċ-ċertifikati maħruġa minnu. F'dan iċ-ċertifikat huwa kkonferma illi l-attriċi ddaħħlet fl-Isptar Capua għall-rehabilitation u (minħabba DVT) għal further management

...Omissis...

Daħlet l-Isptar proprju għall-motiv illi ċċertifika Mr Grixti illi kkonferma bil-ġurament tiegħu fl-Affidavit tiegħu iżda li ma semmiex fil-kors tax-xhieda orali tiegħu cioé rehabilitation.

Għaldaqstant is-soċjetà appellanti, filwaqt illi tagħmel referenza għall-atti kollha ta' din il-kawża u għall-provi kollha miġjuba u tirriserva illi tressaq dawk il-provi l-oħra permezz lilha skond il-Liġi, titlob bir-rispett illi dina l-Onoreabbli Qorti jogħġobha tannulla, tikkkanċella u tirrevoka s-sentenza appellata tat-13 ta' Ottubru 2006, fl-ismijiet premessi u minflokk tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta appellanti u tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż, taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi appellata.

Notifika: Antoinette Mifsud, Flat 5, 88, Windsor Court, Triq Windsor, Sliema.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli Inferjuri) (A.S.C.T.) illum 14 ta' Diċembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Registratur, Qrati Ċivili u Tribunali

certificate issued on the 5th May 2002, by Mr Charles Grixti and exhibited a fol 3 of the proceedings

...Omissis...

Who reads this certificate (issued after the appellant company was refuting to accept the plaintiff's claim, and forwarded to the appellant company presumably, so that she be convinced to do otherwise) be made to understand that the plaintiff was transferred from one hospital to the other due to suspicion and it was this suspicion which raised the necessity that she be recovered in Hospital

...Omissis...

vii) The Tribunal gave a lot of weight to the testimony of Mr Grixti, in the opinion of the appellant company, he tried to lessen the credibility of the witness Dr. Bezzina, by saying in effect that Dr.Bezzina, has the lowest grade in the ward where the plaintiff ,was undercare

...Omissis...

Before testifying, Mr Grixti had filed an Affidavit whereby he confirmed the certificates issued by him. In this Certificate he confirms that the plaintiff entered Capua Hospital, for rehabilitation and (due to DVT) for further management

...Omissis...

She entered Hospital for the motive certified by Mr Grixti, who confirmed, under his Oath, but who did not mention, in the course of his oral evidence, rehabilitation.

Thus the appellant company, whilst referring to all the records of this cause and all the proof produced and reserves to bring forward all the proof permitted to it, according to Law, prays with respect that this Honourable Court, annuls, cancels and revokes the judgement, appealed of the 13th October 2006, in the names premised and insteads ,upholds the pleas of the appellant defendant company and reject the plaintiff's demands , with costs of both instances, against the respondent plaintiff.

Notify: Antoinette Mifsud, Flat 5, 88, Windsor Court, Windsor Street, Sliema.

Registry of the Superior Courts (Inferior Appeals) (A.S.C.T.) today 14th December 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1848

Ikun jaf kulħadd illi il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Diċembru 2006, in segwitu, għar-Rikors ta' Alison Abela Gillibrand, Rikors numru 797/2006, ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-inventarju ta' l-assi ta' Domenic Abela, iben Alphonse Abela u l-mejta Helen neé Colwell, imwieled Pietà, fejn miet fit-28 ta' Awissu 2006, ta' 34 sena u li kellu karta ta' l-identità numru 207872(M).

Din il-pubblikazzjoni għandha ssir nhar il-Ħamis 22 ta' Frar, 2007 fil-ħamsa ta' filgħaxija (5.00)p.m, fl-uffiċċju 'Carmville' ,Triq id-Dokkiena, Luqa, b' att tan-Nutar Dottor Carmel Mangion.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 15 ta' Diċembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) by means of a decree given on the 6th December 2006, following an Application of Alison Abela Gillibrand, Application number 797/2006, ordered the publication of the inventory of the assets of Domenic Abela, son of Alphonse Abela and the deceased Helen neé Colwell, born in Pietà, where he died on the 28th August 2006, aged 34 and who had identity card number 207872(M).

This publication shall be held on Thursday 22nd February 2007, at five in the afternoon (5.00)pm, at the office 'Carmville', Dokkiena Street, Luqa, by deed of Notary Dr. Carmel Mangion.

Registry of the Civil Courts, (Voluntary Jurisdiction Section) today 15th December 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, of Courts and Civil Tribunals

1849

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' Lulju 2006, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat Numru 211/06 TM, fl-ismijiet Pawlu Saydon et vs Jesmond Pulo et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-kjamat in kawża, Clive Micallef, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-15 ta' Marzu 2006, fl-ismijiet Pawlu Saydon detentur tal-Karta ta' l-Identità 316531(M), Carmelo Saydon detentur tal-Karta ta' l-Identità 300326(M), u Joseph Saydon detentur tal-Karta ta' l-Identità 259359(M) vs Jesmond Pulo u martu Marisa Pulo, detenturi rispettivament tal-Karti ta' l-Identità 263766(M) u 256969(M), u b' digriet tal-Qorti ta' l-24 ta' Marzu 2006, ġew kjamati fil-kawża Clive Micallef u Geoffrey Agius Scicluna, ir-rikorrenti Pawlu Saydon espona bir-rispett:

Illi r-rikorrenti Pawlu Saydon, huwa propjetarju tal-fond garaxx fil-livell tat-triq, 20, St. Mary's Street, Birkirkara, u dan kif jidher mill-anness dok. PS1;

Illi l-konvenuti huma propjetarji tal-fond 22, St. Mary's Street, Birkirkara, liema fond jinsab sovrastanti, il-fond tar-rikorrenti Pawlu Saydon u dan kif jidher mill-anness kuntratt immarkat Dok. PS2;

Illi f'Diċembru 2005, il-konvenuti, bdew jagħmlu u jew inkarigaw persuni sabiex jagħmlu xi xogħlijiet strutturali u xogħlijiet oħra fil-fond tagħhom, 22, St. Mary's Street, Birkirkara, liema xogħlijiet baqgħu għaddejin, sakemm fis-7 ta' Frar 2006, waqa' s-saqaf tal-fond tal-konvenuti konjugi Pulo, ……Omissis…… u dan ikkaġuna ħsarat kbar fil-fond ta' l-istess rikorrenti Pawlu Saydon;

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree, given on the 3rd July 2006, in the records of the Sworn Application Number 211/06 TM, in the names Pawlu Saydon et vs Jesmond Pulo et, ordered the following publication for the purpose of service of the third party in the law suit, Clive Micallef, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application, filed, in the First Hall Civil Court, on the 15th March 2006, in the names Pawlu Saydon holder of identity card number 316531(M), Carmelo Saydon holder of identity card number 300326(M) and Joseph Saydon holder of identity card number 259359(M) vs Jesmond Pulo and his wife Marisa Pulo, holders respectively of identity card s 263766(M) and 256969(M) and by decree of the 24th March 2006, Clive Micallef and Geoffrey Agius Scicluna, were called into the law suit, the applicant Pawlu Saydon pleaded with respect;

That the applicant Pawlu Saydon is the owner of the premises garage at Street level 20, St. Mary's Street, Birkirkara, and this as appears from the attached Doc PS1;

That the defendants are the owners of the premises 22, St. Mary Street, Birkirkara, which premises, overlies, the premises of the applicant Pawlu Saydon and this as appears from the attached contract marked Doc PS2;

That id December 2005, the defendants started to do or appointed persons to carry out structural works and other works in their premises 22, St. Mary's Street, Birkirkara, which works went on, until on the 7th February 2006, the roof of the defendants spouses Pulo gave in, ……..Omissis…… and this caused serious damage in the premises of the same applicant Pawlu Saydon;

Illi minħabba x-xogħlijiet esegwiti mill-konvenuti u/ jew persuni inkarigati minnhom liema xogħlijiet, ma sarux skond is-sengħa u l-arti, ir-rikorrenti Pawlu Saydon sofra danni kbar fil-fond proprjetà tiegħu 20, St. Mary' s Street, Birkirkara, liema danni għandhom jiġu likwidati minn din il-Qorti;

Illi l-proprjetà tar-rikorrenti u cioè l-fond, 20, St. Mary's Street, Birkirkara, kien fi stat tajjeb ta' manutenzjoni qabel dan l-inċident;

Illi r-rikorrenti Carmelo Saydon, minħabba dan l-inċident tas-sebgħa (7) ta' Frar 2006, li ġara unikament bi traskuraġini u imperizja u nuqqas ta' ħarsien ta' regolamenti tal-bini u health and safety, da parti tal-konvenuti, sofra wkoll danni fi proprjetà mobbli tiegħu;.

……Omissis……

Illi in oltre r-rikorrenti Joseph Saydon, li jiġi t-tifel ta' Carmelo Saydon u n-neputi ta' Pawlu Saydon, kellu wkoll proprjetà mobbli ġo l-imsemmi garaxx 20, St. Mary's Street, Birkirkara ……..Omissis……

Illi għaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu prevja kwalsijasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna jogħġobha;

1. Tiddikjara illi l-intimati u/jew min minnhom huma responsabbli, għall-inċident li seħħ fis-7 ta' Frar 2006, ġewwa l-fond 20, St. Mary Street, Birkirkara;

2. Tillikwida d-danni subiti mir-rikorrenti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, bħala konsegwenza ta' l-imsemmi inċident;

3. Tikkundanna lill-intimati jħallsu lil kull wieħed mir-rikorrenti, dik is-somma ħekk kif likwidata in linea ta' danni;

Bl-ispejjeż, kif jingħad fir-Rikors Ġuramentat u bl-imgħaxijiet kontra l-konvenuti, wara li tingħata s-sentenza. Illi l-konvenuti qegħdin jibqgħu inġunti, in subizzjoni.

Lista ta' xhieda.

Lista ta' Dokumenti.

Notifika; Kjamat in kawża; Clive Micallef;
168, Dar il-Hena, Triq Villa Ambrosa,
Il-Ħamrun.

Ir-Rikors Nru 211/06 TM, fl-ismijiet Saydon Pawlu et vs Pulo Jesmond et, jinsab appuntat għall-25 ta' Jannar 2007, fid-9.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 15 ta' Diċembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That due to some works carried out by the defendants and/or persons appointed by them which works were not carried out according to the art or trade, the applicant Pawlu Saydon suffered serious damage in his property no. 20, St. Mary Street, Birkirkara, which damages are to be liquidated by this Court;

That the property of the applicant and that is the premises 20, St. Mary's Street. Birkirkara, was in a good state of maintenance before this incident;

That the applicant Carmelo Saydon, due to this accident of the seventh (7) February 2006, which occurred solely to carelessness and lack of attention and lack of observance of the building regulations and health and safety on the part of the defendants; suffered also damages in his movable property;

……Omissis……

That furthermore the applicant Joseph Saydon who is the son of Carmelo Saydon and the nephew of Pawlu Saydon also had movable property in the said garage 20, St. Mary's Street, Birkirkara ……..Omissis……

Thus the applicants pray, saving any necessary and opportune declaration;

1. that the respondents and/or either of whom be declared responsible for the incident, which occurred on the 7th February 2006, inside the premises 20, St. Mary Street, Birkirkara;

2. the damages suffered by the applicant, be liquidated, if necessary by the appointment of referees , as a consequence of the said accident;

3. Condemn the respondents to pay each of the applicants that sum that shall be liquidated by way of damages;

With Costs, as stated in the Sworn Application and with interest against the defendants, following judgement. That the defendants are being summoned so that a reference to their evidence be made.

List of Witnesses.

List of Documents.

Notify: Third party in the suit: Clive Micallef;
168, Dar il-Hena, Villa Ambrosa Street,
Ħamrun.

The Sworn Application Number 211/06 TM, in the names Saydon Pawlu et vs Pulo Jesmond et, has been appointed for hearing on the 25th January 2007, at 9.30 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 15th December 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ikun jaf kulħadd illi il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Settembru 2006, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 3847/06, fl-ismijiet Patrick Bugeja vs Joseph Bugeja, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ippreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-19 ta' Ġunju 2006, ittra numru 3847/06, lil Joseph Bugeja Flat 2, 'Gardenia Flats' Triq Sir Hildebrand Oakes, Gżira, GZR05, Patrick Bugeja (ID 723752(G) ta' Bużbież, Triq il-Madonna tal-Virtù, l-Għarb, Għawdex, interpella lill-intimat sabiex żmien ġimgħa minn notifika ta' dan l-avviż iħallas lill-mittenti bħala sid tal-fond ossia Flat 2, 'Gardenia Flats' Triq Sir Hildebrand Oakes (ġia' Trejqet D' Argens Numru 8), Gżira, Malta, li jinsab mikri lilek, il-ħlas tal-kera ta' sebgħin liri Maltin (Lm70) għaż-żewġ skadenzi tad-9 ta' Frar 2006 u tad-9 ta' Mejju 2006.

Il-mittenti jinqeda b' din l-ittra u jinterpellak ukoll għall aħħar darba sabiex fl-istess żmien lilek mogħti inti tħallsu ukoll is-somma ta' sitt mija u tletin liri Maltin (Lm630) dovuti lill-mittenti f' arretrati tal-kera.

...Omissis...

Il-mittenti jinterpellak ukoll sabiex fl-istess żmien lilek mogħti inti tħallas lill-mittenti s-somma ta' ħames mija u għoxrin liri Maltin (Lm520) li inti kont irċevejt mingħand il-Kumpanija Legend (Real Estate) Limited,sabiex tagħmel tiswijiet fil-fond mikri lilek.

...Omissis...

Total ta' flus għalhekk dovuti minnek f'arretrati tal-kera u flus li inti żammejt indebitament,

...Omissis...

huwa ta' elf mija u ħamsin liri Maltin (Lm1,150).

Jekk jgħaddi inutilment iż-żmien lilek hawn konċess u tibqa' ma tħallasx l-ammont ta' kera mitlub u l-flus li inti żammejt indebitament, il-mittenti sejjer jipproċedi kontra tiegħek b'kawża quddiem il-Bord tal-Kera, sabiex tiġi terminata l-lokazzjoni u tiġi definittivament żgombrat mill-fond.

...Omissis...

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 27th September 2006, in the records of the judicial letter number 3847/06, in the names Patrick Bugeja vs Joseph Bugeja, ordered the following publication for the purpose of service, against the respondent. in terms of Article 187 (3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter, filed, in the Court of Magistrates (Malta) on the 19th June 2006, Letter number 3847/06, to Joseph Bugeja, Flat 2, 'Gardenia Flats' Sir Hildebrand Oakes Street, Gżira, GZR 05, Patrick Bugeja (ID 723752 (G) of Bużbież, Madonna tal-Virtù Street, Għarb, Gozo, called upon the respondent so that within a week from the service of this notice he pays the interpellant as owner of the premises or rather, Flat 2, 'Gardenia Flats' Sir Hildebrand Street Oakes (previously D' Argens Street, Number 8), Gżira, Malta, which is granted on lease to you, the payment of rent of seventy Maltese Liri (Lm70) for two terms of the 9th February 2006 and of the 9th May 2006.

The interpellant is availing himself of this letter and calls upon you for the last time, so that, within the same time given to youġ you also pay him, the sum of six hundred and thirty Maltese Liri (Lm630) due to the interpellant in arrears of rent.

...Omissis...

The interpellant calls upon you so that within the same time given to youġ you pay the interpellant the sum of five hundred and twenty Maltese Liri (Lm520) which you had received from the Company Legend (Real Estate) Limited, to carry out repairs in the premises leased to you.

...Omissis...

Total amount of money due by you in arrears of rent and money which you unduly held

...Omissis...

is of one thousand one hundred and fifty Maltese Liri (Lm1,150).

If the time granted to you, uselessly, passes and you do not pay the amount of rent demanded and the money you unduly withheld, the interpellant, shall proceed against you by means of a cause before the Rent Regulation Board, in order to terminate the lease and you are definitely evicted, from the premises.

...Omissis...

Bl-ispejjeż u b' riżerva għall kull azzjoni għad-danni kontra tiegħek spettanti, il-mittenti skond il-liġi.

Dan l-Avviż qed issir ai termini ta' l-Artikolu 9(a) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 15 ta' Diċembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs and saving any other action for damages against you, due, to the interpellant according to law.

This Notice is being made in terms of Article 9(a) of Cap. 69 of the Laws of Malta.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 15th December 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1851

B'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Novembru 2006 fuq rikors ta' Bank of Valletta p.l.c. ġie ffissat il-jum tal-Ħamis 8 ta' Frar 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet ta' l-20 ta' Frar 2003 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal- fondi hawn taħt deskritti.

a) Il-maħżen bin-numru 35, Spencer Hill, Blata l-Bajda limiti tal-Marsa, stmat li jiswa Lm68,000.00ċ0

b) Il-maħżen bin-numru 36, Spencer Hill, Blata l-Bajda limiti tal-Marsa, stmat li jiswa Lm78,250.00ċ0

ċ) L-entratura bin-numru 37, bit-taraġ għall-ewwel sular u l-akkomadazzjoni li minnha tista' tintleħaq inklużi t-terrazzini li huma żviluppabbli, sitwat fi Spencer Hill, Blata l-Bajda limiti tal-Marsa, stmat li jiswa Lm220,000.00ċ0

d) Il-maħżen bin-numru 38, Spencer Hill, Blata l-Bajda limiti tal-Marsa, stmat li jiswa Lm104,000.00ċ0

e) L-Utili Dominju għaż-żmien li fadal minn dak ta' 150 sena li beda jiddekorri mit-18 ta' Novembru 1953, tal-maħżen bin-numru 39/40, Spencer Hill, Blata l-Bajda limiti tal-Marsa, stmat li jiswa Lm162,000.00ċ0

f) L-Utili Dominju għaż-żmien li fadal minn dak ta' 150 sena li beda jiddekorri mit-18 ta' Novembru 1953, tal-maħżen bin-numru 41, Spencer Hill, Blata l-Bajda limiti tal-Marsa, stmat li jiswa Lm187,000.00ċ0

L-imsemmija proprjetajiet jappartjenu lil John Abela (1883) & Sons Limited.

N.B. L-imsemmija proprjetà tinbiegħ bħal ma ġiet deskritta mill-A.I.C Joseph M. Jaccarini fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fil-15 ta' Mejju 2003.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 11ta' Diċembru 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall on the 22nd November 2006 on the application of Bank of Valletta p.l.c. Thursday 08th February 2007 from 9.00 am to twelve noon has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 20th February 2003 to be held in the corridor of these Courts of the following properties.

a) Warehouse number 35, Spencer Hill, Blata l-Bajda limits of Marsa valued Lm68,000.00c0

b) Warehouse number 36, Spencer Hill, Blata l-Bajda limits of Marsa valued Lm78,250.00c.0

c) Entrance number 37, including the staircase leading to the first floor and the property from which the overlying developments are reached, in Spencer Hill Blata l-Bajda limits of Marsa, valued at Lm220,000c0

d) Warehouse number 38, Spencer Hill, Blata l-Bajda limits of Marsa valued at Lm104,000c0

e) The Utile Dominium for the remaining period from 150 years commencing on the 18th November 1953 of warehouse 39/40, Spencer Hill, Blata l-Bajda limits of Marsa valued at Lm162,000c0

f) The Utile Dominium for the remaining period from 150 years commencing on the 18th November 1953 of warehouse 41, Spencer Hill, Blata l-Bajda limits of Marsa valued at Lm187,000c0

The said properties belong to John Abela (1883) & Sons Limited.

N.B The said tenements will be sold as described in the report sworn to by Joseph M Jaccarini A&CE on the 15th May 2003.

Registry of the Superior Courts, this 11th December 2006.

VINCENT ATTARD
For The Registrar Civil Courts and Tribunals

1852

B'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal- Qorti Ċivili fl-24 ta' Novembru 2006 fuq rikors ta' Bank of Valletta p.l.c. ġie ffissat il-jum tat-Tlieta 6 ta' Frar 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet ta' l-24 ta' Mejju 2006 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt

Flat 10, Blokk 3, Yacht Marina Apartments, Triq Marina, Msida stmat li jiswa Lm70,000.00ċ0

L-imsemmija proprjetà tappartjeni lil Oleh Bratko.

